SAN ĠILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 16/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 24/10/'11 16**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 24/10/'11 18**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 24 t'Ottubru 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membri:- Joseph Oliva
Carmel Agius
Mary Grace Scicluna

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Assenti: Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca

1.05 Skużati: Is-Sindku Peter Bonello

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 t'Ottubru 2011. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2011
4. Bankini – Triq Spinola
5. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

1.2.02 Qabel bdiet il-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-Kumitat li s-Sindku ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba mpenji oħra li ma kellux kontrol fuqhom.

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 15/KA1/11 għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza ma tqegħdet l-ebda korrispondenza.

2.02 Il-Membru Carmel Agius wasal fis-6.15p.m.

## 3 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2011

3.01 Il-Kumitat ġie pprezentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2011 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Wara diskussjoni qasira ċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

3.04 Il-Membru Carmel Agius issekondah.
3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 4 Bankini – Triq Spinola

4.01 Il-Kumitat ġie pprezentat bl-istejjem għax-xogħolijiet tal-bankini fi Triq Spinola (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Wara diskussjoni, u peress li l-Kumitat għandu l-finanzi disponibbli, iċ-Ċermen ippropona li jsiru x-xogħlijiet tal-bankini fi Triq Spinola skont l-istima tal-Perit u li dawn ix-xogħolijiet isiru mill-LK Ltd.

4.03 Il-Membru Mary Grace Scicluna ssekondatu.

4.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 5 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

5.01 B'riferenza għal-laqgħa nru. 15/KA1/11 taqsima 2 paragrafu 2.03, l-amministrazzjoni għadha ma ġietx provduta bir-ritratt u għalhekk ma tistax tittieħed l-azzjoni.

5.02 B'riferenza għat-taqsima 2 paragrafu 2.04, għalkemm il-Viċi-Ċermen ikkonferma li x-xogħol sar tajjeb, il-garanzija ma gietx irrilaxxata minħabba li fil-perjodu li kien qed issir x-xogħolijiet kien hemm persuna li allegat li kellha nċident. Għalhekk il-Kumitat ġie ggwidat mill-avukat biex għalissa ma tiġix irrilaxxata l-garanzija.

5.03 B'riferenza għat-taqsima 7 paragrafu 7.06, il-laqgħa mal-kuntrattur tal-marki tat-toroq ser issir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2011 fl-12.15p.m. fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġiljan. Gvern ġie nfurmat Re xA130/1766/11-MC

## 6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 123 sa nru. 128 għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'D').

7.02 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fis-7.40p.m.

**Richard Sciclunа**
**Chairperson**

21/11/11.

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**